MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2244/2002

**Avviz Numru 2244/02 AJD
Advance Shipping Limited**

**vs**

**Alan Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Settembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u disghin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm597.47) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' 'clearing and forwarding' rezi mis-socjeta' attrici fuq istruzzjonijiet tal-konvenut.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-fattura.

1. Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
2. Preliminarjament, is-socjeta’ attrici ghandha tindika precizament il-persuna li kontra taghha qed taghmel it-talba.
3. Illi s-socjeta’ attrici naqset mill-obbligi minnha assunti fil-ftehim u ghalhekk il-prezz ghas-servizzi forniti m’huwiex dovut.
4. Illi s-sommaa mitluba hija eccessiva u ma tirriflettix il-prezz originarjament miftiehem.
5. Illi minghajr pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni, s-somma ghandha tigi ridotta tenut kont li s-servizz fornit mis-socjeta’ attrici kien wiehed skadenti u mhux tal-kwalita’ patwita.
Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Joseph German u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi f’Lulju tal-2001 il-konvenut kien inkariga lis-socjeta’ attrici sabiex tiehu hsieb it-trasportar ta’ xi merkanzija li ried jimporta minn Manchester. Hemm qbil bejn il-partijiet li fl-istess gimgha l-konvenut kein ta struzzjonijiet dwar zewg konsenji separati, liema konsenji t-tnejn kellhom jingabru minghand l-istess ‘supplier’ izda wahda mill-konsenji kellha tigi trasportata Malta bl-ajru u l-ohra bil-bahar. Jidher li kien hemm xi disgwid u fil-fatt il-merkanzija li suppost kellha tasal Malta bil-bahar waslet bl-ajru u dik li kellha tasal Malta bl-ajru waslet bil-bahar. Il-konvenut hallas lis-socjeta’ attrici l-prezz tat-trasportar tal-merkanzija li waslet bil-bahar izda qed jirrifjuta li jhallas il-prezz tal-merkanzija li waslet bl-ajru u l-kundanna ghal hlas tal-l-prezz ta’ dan l-ahhar servizz jifforma l-mertu tal-kawza odjerna.

Il-konvenut qed jirrifjuta li jjhallas il-prezz tas-servizz tal-merkanzija li giet trasportata bl-ajru ghal zewg ragunijet,

principalment ghaliex huwa jirritjeni li s-socjeta' attrici kienet responsabbli ghall-izball li sar u anki ghaliex huwa jsostni li l-prezz mitlub huwa wiehed eccessiv u ma jirriflettix il-prezz miftiehem u cioe' ' dak li inghata lilu permezz ta' stima verbali. Huwa jghid ukoll li l-merkanzija li waslet bl-ajru damet ma waslet. In kwantu jirrigwarda id-disgwid li nqala' dwar l-iskambju ta' merkanzija, t-Tribunal ma jidhirlux li s-socjeta' attrici ghandha tigi ritenuta responsabbli. Id-disgwid jidher li nqala' peress li kellhom jigu trasportati zewg konsenji ta' merkanzija minghand l-istess 'supplier' f'gimgha wahda. Joseph German, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici spjega li huma qatt ma jikkomunikaw direttament mas-'supplier' barra minn Malta, kull ma jaghmlu jaghtu struzzjonijiet lill-agent taghhom fil-pajjz minn fejn trid tingabar il-merkanzija u jkun dan tal-ahhar li jikkomunika mas-'supplier'. It-Tribunal jidhirlu li fil-kaz taz-zewg konsenja b'merkanzija simili f'gimgha wahda kien is-'supplier' li kellu jindika liema kienet il-merkanzija li kellha tigi trasportata bl-ajru u dik li kellha tigi trasportata bil-bahar. Fil-fatt jidher li kien dan tal-ahhar, u cioe' is-'supplier' li indika liema merkanzija kellha tigi trasportata bil-bahar u liema kienet dik li kellha tigi trasportata bl-ajru. L-agent tas-socjeta' attrici segwa l-istruzzjonijiet tas-'supplier' tal-konvenut kif kien tenut li jaghmel u ghalhekk l-izball li sar huwa imputabbli lilu u mhux lill-agent tas-socjeta' attrici jew lill-istess socjeta' attrici.. Isegwi ghalhekk li l-konvenut ma jistghax jirrifjuta li jhallas lis-socjeta' attrici tas-servizz moghti minnha minhabba din ir-raguni, u cioe' minhabba l-iskambju fil-mod ta' trasportar tal-merkanzija. L-eccezzjoni tal-konvenut li l-prezz mitlub huwa eccessiv stante li ma jirriflettix il-prezz moghti permezz ta' stima hija wkoll insostenibbli u ghall-istess raguni. Huwa ovvju li una volta li kien hemmm skambju fil-mod ta' trasportar tal-merkanzija, il-prezz moghti permezz tal-istima ma kienx aktar applikabbli specjalment meta wiehed jikkunsidra li l-konsenja li fil-fatt giet bl-ajru kienet akbar minn dik li giet bil-bahar. Meta l-konvenut inghata l-istima din kienet tirrigwarda l;-prezz ta' servizz ta' trasportar bl-ajru tal-merkanzija li imbaghad giet bil-bahar u ghalhekk il-kwantita' kienet izghar minn dik tal-konsenja li spiccat biex giet bl-ajru u kif diga' spjegat aktar il-fuq ir-

ragunijiet ghall-iskambju ma kienux imputabbli lis-socjeta' attrici.

Illi in kwantu jirrigwarda l-hames eccezzjoni sollevata mill-konvenut, huwa ma ressaqx provi soddisfacenti li s-servizz moghti mis-socjeta' attrici kien ta' kwalita' skadenti u mhux tal-kwalita' patwita.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta'
hames mija u sebgha u disghin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm597.47), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------